**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 10/07(06_12_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Diċembru 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-4.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri- Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-29 ta' Novembru 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Tqassim ta' Responsabilitajiet lil Membri tal-Kunsill.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Jum il-Munxar 2007.
8. *Equipment* għal *Playing Field*.
9. Attivitajiet tal-Milied 2007.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Marisa Darmanin, MEPA rigward 'Urban Investment Fund (UIF) Contract Signing'. Dan il-kuntratt ser jiġi iffirmat fil-11 ta' Diċembru 2007 fil-MEPA Boardroom. Hija talbet lill-Kunsill xi informazzjoni sabiex tkun tista' tipprepara kuntratt li l-Kunsill ikun jista' jara qabel jiġi iffirmat il-kuntratt uffiċjali.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Lillian Vassallo, Media & Information Assistant, Kummissjoni Ewropea Rappreżentanza f' Malta rigward 'Training Courses on EU Funding'. Hija bagħtet *invitation letter*, formola ta' reġistrazzjoni għall-korsijiet u l-programm tal-EU Funding Training tas-sena 2008.

2.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kunsill Malti għall-Isport, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol rigward 'Konferenza Nazzjonali ta' l-Isport 2007 – Forma Ġdida lill-Isport' li ser issir fil-15 u fis-16 ta' Diċembru 2007, fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi, Valletta. Il-Kunsill irċieva l-programm ta' din il-Konferenza u ntalab jgħarrafhom f' liema *workshop* ser jattendi.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Frank Psaila, Uffiċjal Responsabbli mill-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ, Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ rigward il-proġett 'Kunsilli Lokali Żgħażagħ'. Huwa ħabbar li bħalissa għaddejjin b' diskussjonijiet sabiex jiġu irriveduti l-linji gwida ta' dan il-proġett li ser ikunu iffinalizzati sa l-aħħar ta' Jannar 2008 biex imbagħad jibda l-proċess għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jibgħatlu s-suġġerimenti tiegħu u spiega għalfejn ġew posposti l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ li kellhom isiru f' Novembru 2007.

2.05 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 90/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u Kap tad-Delegazzjoni Maltija għall-Kungress tal-Kunsill tal-Ewropa u s-Sur Adrian Mifsud, President, Assoċjazzjoni tas-Segretarji tal-Kunsilli Lokali Maltin (ASKLM) u President, Union des Dirigeants Territoriaux de l' Europe (UDITE) rigward 'Konferenza Importanti fil-Kunsill ta' l-Ewropa fis-17 u fit-18 ta' Jannar 2008'. Huma ħabbru li l-ASKLM ser toffri inċentiv finanzjarju ta' madwar Lm50 *(€116.47)* lis-Segretarji Eżekuttivi li jattendu u għaldaqstant ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Kirsten M Miller, Economic Consultant, D-Consulta Limited rigward 'Information Meeting on INTERREG IVC – EU Funding' li ser isir fl-4 ta' Diċembru 2007. Hija tat spiegazzjoni dettaljata rigward l-INTERREG IVC u bagħtet formola ta' applikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jattendi għal dan il-*meeting*.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għat-Turiżmu u Kultura sabiex il-Kunsill jattendi għall-Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali 2007 li ser isir fis-6 ta' Diċembru 2007, f' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Joseph Xerri, Club Secretary, Munxar Falcons FC rigward 'Jum il-Munxar Tournaments and Games – 1, 2 December 2007'. Huwa ħabbar li medalji u premijiet ser jitqassmu mill-membri tal-Kunsill u l-Kappillan tal-Munxar f' okkażżjoni uffiċjali fit-12 ta' Diċembru 2007. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jattendi u jkun ta' sapport għalihom.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Anton Vella, Segretarju Privat tas-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u s-Self Employed, Ministeru għall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni fejn spiega rigward inizjattiva oħra mnedija minnhom sabiex jingħata rikonoxximent fl-imprenditorija u l-innovazzjoni, fil-qasam ta' l-Artiġjanat fil-lokalita'. Huwa bagħat formoli ta' applikazzjoni u *poster* sabiex jitpoġġew f' post prominenti u aċċessibbli għall-pubbliku.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Charlene Smith, Environment Protection Officer, MEPA rigward Applikazzjoni Numru PA 6965/06 – *Reinstatement of Xlendi Beach*, Xlendi. Hija indikat il-*website* minn fejn il-Project Description Statement ta' dan l-iżvilupp propost ikun jista' jiġi *downloaded* u talbet lill-Kunsill sabiex jipprovdilha dik l-informazzjoni li jixtieq li tkun inkluża fit-*Terms of Reference*.

2.11 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kan. Dr Joseph Zammit, Archpriest and Chair, Gozo International Celebration sabiex il-Kunsill jattendi għall-Edizzjoni tal-Milied tal-Gozo International Celebration bit-tema 'Christmas in Our Hearts' li ser issir fis-16 ta' Diċembru 2007, fil-Knisja Parrokkjali tal-Qala u wara jkun hemm riċeviment fis-Sala Parrokkjali.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Gordon Pace, L-Istrina 2007 Coordinator rigward 'L-Istrina' li din is-sena ser issir fid-29 ta' Diċembru 2007 f' ta' Qali u ser tintwera fuq TVM. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex ikun parti minn din l-attivita' billi organizza attivita' b' risq l-Istrina u wara jippreżenta d-donazzjoni fil-programm stess. Il-Kunsill ġie mistieden ukoll sabiex jgħaddi xi ħin jirrispondi t-telefonati li jkunu deħlin bid-donazzjonijiet.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2007 mingħand is-Sur Alfred Armeni, Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-regolamenti ġodda dwar it-Tilbis ta' Ċintorini tas-Sigurta' fil-Vetturi bil-Mutur (AL 200 ta' l-2007) li qed jieħdu post ir-regolamenti ta' l-2003 dwar l-istess tema (AL 252 ta' l-2003). Huwa informa lill-Kunsill li din it-Taqsima qed tħejji wkoll il-lista tar-Reati u Pieni relatati ma' dawn ir-regolamenti ġodda bil-għan li dawn jidħlu fis-sistema ta' Infurzar Lokali u indika l-*website* minn fejn il-Kunsill għandu jikseb kopja ta' dawn ir-regolamenti ġodda.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Kampanja Kontra l-Vjolenza Domestika' imwettqa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-Kummissjoni fuq il-Vjolenza Domestika, Faces Displays Ltd. u l-Kunsilli Lokali kollha permezz ta' *poster* li ser ikun qed jintwera fuq il-*Bus Shelters*. Ġiet indikata l-*website* għal aktar informazzjoni dwar din il-kampanja u l-Kunsill ġie informat li s-sehem tiegħu ser ikun ħlas ta' Lm10 *(€23.29)*.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05913/07 – *Proposed widening of door*, fil-Pjazza tal-Knisja, Munxar u Applikazzjoni Nru. 06256/07 – *To sanction erection of poles*, fi Triq ix-Xadba kantuniera ma' Triq Ras il-Bajjada, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.16 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Inġ. Alexander Tranter, Chief Executive Officer, CareMalta Group sabiex il-Kunsill jagħmel in-nomini tiegħu fl-10 edizzjoni tan-Nazzareno Vassallo Award for Initiatives in Elder Care. Huwa bagħat formola ta' applikazzjoni u *background information* fuq dan l-*Award* sabiex jinqraw qabel isiru n-nomini.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jattendi għal Seminar dwar il-Programm LEADER li ser isir fis-27 ta' Novembru 2007. Mehmuż kien hemm ukoll informazzjoni dwar dan is-Seminar, mibgħuta minn Dr. Gabriella Pace, CEO, Forum Malta fl-Ewropa.

2.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 113/07 – *Proposal is to change the projected through road into a cul-de-sac, reduce it's width to 8 metres and include a pedestrian access* fi Triq ix-Xlendi, Xlendi għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.19 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 06212/07 – *Placing of mooring buoy*, *Offshore*, Bajja tax-Xlendi, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 06673/07 – *Construction of six garages, two shops and twelve flats*, fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq il-Ġostra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' rigward 'Ġimgħa tal-Persuni b' Diżabilita' 2007 – 1 ta' Diċembru – 10 ta' Diċembru', din is-sena bl-islogan 'Inkomplu bil-Ħidma'. Huwa bagħat il-programm tal-attivitajiet li ser isiru f' din l-okkażżjoni, messaġġ tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' u *poster* sabiex jitwaħħal f' post prominenti fejn ikun jista' jinqara mill-pubbliku.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand MA Attard, Kap ta' Iskola, Gozo College, Kan GP Agius De Soldanis Girls' Junior Lyceum and Secondary School fejn talbet lill-Kunsill sabiex jikkonferma jekk għandu xi oġġezzjonijiet għal *Fun Walk* li huma ser jorganizzaw fl-10 ta' Diċembru 2007, skond *route map* annessa.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Dr Suzanne Gatt, Lecturer in Primary Science and Environment Education, Faculty of Education, University of Malta fejn stiednet lill-Kunsill sabiex jattendi għal 'FP6 Training Seminar' tal-Proġett 'INCLUD-ED' bit-tema 'Theories, Reforms and Outcomes in European Educational Systems' li ser isir fit-28 u fid-29 ta' Novembru 2007 fil-Lukanda SAS Radisson, San Ġiljan. Hija bagħtet kopja tat-Training Seminar Call, il-Programm u Formola ta' Reġistrazzjoni u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* li Ms Rose Camilleri, Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bagħtet lis-Sur Natalino Attard, Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali b' kopja lill-President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u lill-Kunsilli Lokali kollha fejn talbet sabiex jiġi ċċarat punt għal problema li l-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar qed iħabbat wiċċu magħha fir-rigward tal-*Boundary Walls*.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Marlene Attard, Head DCC Secretariat, Development Control Commission, MEPA rigward Applikazzjoni li l-Kunsill għamel Nru: PA 00856/07 – *To sanction resurfacing of existing access road to fields, and reinstatement and construction of boundary dry stone wall* f' tal-Ponta, *off* Triq Żgħawri, Munxar. Hija ħabbret x' irriżulta minn *site inspection* li saret fis-7 ta' Novembru 2007 u x' għandu jagħmel il-Kunsill f' dawn iċ-ċirkustanzi.

2.25 Il-Kunsill irċieva MEMO 26/2007 mingħand is-Sur Pio Farrugia, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali'. Huwa bagħat ir-Rapport ta' l-Ispezzjonijiet, estratt dettaljat li jirreferi għall-Munxar biss, li jkopri l-perjodi April – Lulju 2006, Awissu – Novembru 2006 u Diċembru 2006 – Marzu 2007, kif ukoll kopja tal-*Press Release* li ħarġet meta r-Rapporti ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra tal-Parlament.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 117/07 – *Proposed amendment to splay* fi Triq ir-Ranċis kantuniera ma' Triq iż-Żirżieb, Xlendi għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur C Saliba, Manager għal Għawdex ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Huwa qed japprova li ssir *Road Hump* fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Ġie deċiż li din ir-*Road Hump* issir tar-*rubber* li ser tiswa Lm239.82 (€558.63).

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna mill-Awstralja. Hija qed tfaħħar il-*website* tal-Kunsill.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Perit Stefan Scotto mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern dwar permess biex jitpoġġew imwejjed fi Triq ix-Xatt u fl-*area* tad-dgħajjes. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar sit numru 1 Triq ix-Xatt, pero' dwar sit numru 2 fl-*area* tad-dgħajjes, il-Kunsill qed jitlob li jġib l-approvazzjoni tat-Taqsima tas-Sajd.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba biex il-Kunsill jirranġa bankina fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, x-Xlendi peress li din inqalet biex jitranġa d-drenaġġ. Kien hemm qbil biex dan ix-xogħol isir.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur tat-Traffic Management Unit rigward kummenti u suġġerimenti dwar Traffic Management fil-Pjazza tal-Knisja, Triq il-Madonna tal-Karmnu u Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina. Hija qed tissuġġerixxi xi tibdil fil-pożizzjoni ta' *zebra crossing*. Dan it-tibdil ser jiġi attwat hekk kif ġie issuġġerit.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment ta' Kana, Għawdex rigward il-konkors 'Familja Qalb tad-Deheb sena 2007'. Qed jitolbu sabiex il-Kunsill jibgħat isem jew ismijiet ta' familji mil-lokalita' tal-Munxar li fil-fehma tal-Kunsill jixirqilhom il-Premju Qalb tad-Deheb. Il-Kunsill ma huwiex f' pożizzjoni li jinnomina lil xi ħadd.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' *Kiosk* fix-Xlendi li qiegħda fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Dan qed jitlob lill-Kunsill sabiex iddikjara lill-MEPA li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex isiru *bollards* madwar l-imwejjed tal-*Kiosk*. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 10/07(06_12_07).

**5.00 Tqassim ta' Responsabilitajiet lil Membri tal-Kunsill.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li meta iċċekkja ma' Kunsilli oħra, kull fejn hemm tqassim ta' responsabilitajiet hemm il-Kumitati. Is-Sinjura Carmen Said infurmat lill-Kunsill li taf fejn hemm Kunsilli li tqassmu r-responsabilitajiet u ma hemmx Kumitat. Għaldaqstant ġie deċiż li s-Sindku jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex jigwida lill-Kunsill dwar din il-materja.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-festun tad-dawl ta' Sant' Indrija tranġa u beda jixgħel. Il-Kuntrattur qed jaħdem fuq it-tieni fażi tal-*Playing Field* u bħalissa qed jaħdem fuq il-Ġiebja. Għadhom kemm twaħħlu xi *road signs* u *road hump* fi Triq Dun Spir Gauci. Il-*culverts* ta' Triq San Pawl għadhom kemm ġew imnaddfa. Qed jitkomplew il-bankini ta' quddiem il-Kunsill u ser jinxtraw il-pjanti biex jitħawwlu fis-*soft areas* li ġew ikkrejati.

**7.00 Jum il-Munxar 2007.**

7.01 Kienet ix-xewqa tal-Kunsill li għall-ewwel darba din is-sena jagħti l-Premju 'Ġieħ il-Munxar' u dan isir waqt attivita' ta' Jum il-Munxar.

Saret sejħa sabiex jiġu nnominati persuni li jkunu taw kontribut fir-raħal tal-Munxar matul il-medda ta' snin.

Il-Kunsill irċieva sitt nominazzjonijiet li kienu dawn:

- Nominazzjoni waħda lil Mons. Ġużeppi Curmi
- Nominazzjoni waħda lis-Sur Feliċ Debrincat
- Nominazzjoni waħda lil Kanċillier Mons. Salv Debrincat
- Tlett nominazzjonijiet lis-Sur Salvinu Mercieca

Peress li din is-sena l-Parroċċa qed tiċċelebra l-ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, l-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena l-ĠIEĦ IL-MUNXAR jingħata lil dawn l-erba' persuni innominati.

7.02 Il-Kunsill ser jorganizza Serata Jum il-Munxar, nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2007 fis-7.30 ta' filgħaxija, fiċ-Ċentru Parrokkjali, Munxar. Dan ser ikun il-Programm:

Fis-6.00 ta' filgħaxija - Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, fl-okkażżjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa.

Fis-7.30 ta' filgħaxija - Programm ta' l-okkażżjoni fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali, Munxar.

- Introduzzjoni mill-Preżentaturi
- Siltiet Mużikali mill-Band 'Spectrum'
- Qari tal-komponiment rebbieħ tal-Kompetizzjoni organizzata mill-Kunsill
- Play-Forum, 'Ommi ma Tridnix' kitba ta' Joe Meilaq addattat għall-palk mill-Kan. Karm Curmi u mtella' mill-membri tal-Presdium 'Omm l-Iżjed Nadifa'
- Siltiet Mużikali mill-Band 'Spectrum'
- Tqassim ta' premijiet lir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-Pittura
- Tqassim ta' premijiet lir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-Komponimenti
- Tqassim ta' *trophies* lir-rebbieħa tat-*Tournaments* tal-Boċċi u tal-Futbol li ġew organizzati mill-Kunsill Lokali
- Siltiet Mużikali mill-Band 'Spectrum'
- Qari tal-Poeżija 'It-Tfulija' miktuba mill-Profs. Ġuże' Aquilina u ser tinqara minn Gabriella Grech
- Preżentazzjoni 'Ġieħ il-Munxar 2007'
- Diskors ta' l-okkażżjoni
- Innu Malti

Wara jkun hemm riċeviment u *entertainment* mill-Band 'Spectrum'.

**8.00 *Equipment* għal *Playing Field*.**

8.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li jkun ħaġa sewwa li l-Kunsill jibda jaħseb dwar l-apparat tat-tfal li ser jitpoġġa fil-*Playing Field*. Il-Kunsill għandu jaħseb minn issa peress li s-sejħa għall-offerti tieħu aktar minn xahar u dan peress li l-Kuntrattur li qed jaħdem fuq it-tieni fażi tal-proġett ikun lest għall-aħħar ta' Jannar 2008. Wara li saret diskussjoni dwar din il-materja, ġie deċiż li għalissa aħjar jitlesta l-*landscaping* tal-proġett biex imbagħad jiġi deċiż dwar l-apparat tat-tfal.

**9.00 Attivitajiet tal-Milied 2007.**

9.01 Bħalma jiġri kull sena, l-Kunsill jorganizza żewġt attivitajiet tal-Milied, waħda għall-anzjani u oħra għat-tfal.

9.02 Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa għall-anzjani nhar it-8 ta' Diċembru 2007, festa tal-Kunċizzjoni. It-tluq ser ikun mill-Pjazza tal-Knisja, fit-8.30 ta' filgħodu u l-anzjani ser jisimgħu quddies fil-Knisja tal-Kapuċċini tar-Rabat. Wara ser jittieħdu għal kafe' fil-Lukanda Calypso u fl-istess waqt issir taħdita dwar is-saħħa. Wara ser issir żjara lill-Kunċizzjoni tar-Rabat u l-Wirja tal-Presepji.

9.03 Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa rikreattiva għat-tfal. Din il-ħarġa ser issir nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru 2007. It-tluq ser ikun mill-Pjazza tal-Knisja, fid-9.00 ta' filgħodu u t-tfal ser jittieħdu fit-Teatru CITADEL biex jaraw *film.*

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għadu kemm ġie ikkuntatjat mill-Enemalta Corporation dwar il-bżonn li ssir trinka minn Triq Santa Dminka għal nofs Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina biex jgħaddi *main* tad-dawl. Huwa talab li t-trinka tgħaddi mill-*Playing Field* biex jiġi evitat li jerġa' jitqatta' t-tarmak li sar ġdid.

10.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ħadu l-Avukat Mario Scerri fi Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri biex jara jekk huwiex possibbli li dan l-isqaq jinkesa bi *stencil concrete*. L-Avukat ta parir biex il-Kunsill jiċċekkja jekk dan l-isqaq huwiex irreġistrat mal-Lands Department.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ikkuntatjat mis-Surmast ta' l-Iskola ta' Sannat biex jinfurmah li kienu tqassmu xi kotba f' Jum il-Premjazzjoni f' isem il-Kunsill. Huwa qed jitlob donazzjoni mingħand il-Kunsill. Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti donazzjoni ta' Lm50 *(€116.47)*.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li peress li l-bankina ta' quddiem l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill kienet lesta, huwa tajjeb li l-Kunsill jieħu ħsieb biex jinstalla lampi tad-dawl u xi bankijiet. Ġie deċiż li għamara tat-toroq għandha ssir meta l-proġett tal-bankini jkun lest kollu.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien tkellem ma' Uffiċjali tad-Data Protection rigward il-*Web Cam* tal-Kunsill u ġie infurmat li dment li n-nies ma jintarfux ma hijiex tinkiser il-liġi tad-Data Protection. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lill-Avukat Mario Scerri biex jiġi l-Kunsill u jiġi spiegat is-sistema fid-dettal biex jagħti parir lill-Kunsill jekk hijiex qiegħda tinkiser xi liġi.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sinjura Carmen Said fakkret lill-Kunsill li dawk is-siġar tal-bajtar li huma mdendlin fit-triq għadhom ma nqatgħux. Hija staqsiet jekk dak il-ħamrija li hemm fil-*Playing Field* huwiex ser jitneħħa peress li qed jostakola t-traffiku. Din il-ħamrija ser tintuża għal-*landscaping* ta' l-istess *Playing Field*.

Il-ħin kien is-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Patrick Grima talab jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

12.02 Is-Sur Mario Camilleri ssuġġerixxa li Ġnien Ragalna jingħata lill-Club tal-Futbol biex jieħu ħsiebu hu għall-prezz ta' Lm600 *(€1397.63)* fis-sena. Ġie deċiż li jkun aħjar li jingħata xogħol speċifikament fil-ġnien u jiġi miftiehem il-prezz minn qabel.

12.03 Is-Sur Saviour Spiteri staqsa dwar id-dawl ta' Ġnien Ragalna peress li fl-laqgħa preċidenti kien ġie deċiż li fix-xhur tax-Xitwa d-dawl jibda jintefa fil-11.30 ta' filgħaxija. Is-Sur Spiteri ġie infurmat li fil-fatt hekk sar.

Is-Sur Saviour Spiteri staqsa wkoll dwar meta ser jibda x-xogħol tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku infurmah li għadu qed jistenna risposta mingħand id-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mingħand is-sewwieqa ta' muturi fejn qed jitolbu li jsir *parking* fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan. Saret talba lis-Sindku biex issir mera fi Triq il-Kalkara tal-Ġir, il-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan. Saret talba wkoll biex Triq San Pawl tinkines mill-materjal li kaxkar il-maltemp.

13.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li resident ta' Triq San Pawl talbu biex issir *Road Hump* ftit 'l isfel minn fejn kienet ippjanata li ssir waħda iżda kien hemm oġġezzjoni mir-residenti. Għandu jsir tentattiv ieħor biex din ir-*Road Hump* issir aktar 'l isfel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***